

Brussell, 27 ta' Settembru 2024  
(OR. en)

13397/24

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2023/0356(COD)**

---

**CODEC 1801**  
**ENV 881**  
**STATIS 95**  
**RECH 398**  
**PE 217**

## **NOTA TA' INFORMAZZJONI**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tar-rappurtar għal infrastrutturi għall-informazzjoni ġeografika<br>- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u l-Proċedura ta' rettifika<br>(Strażburgu, 14 ta' Marzu 2024 u 17 ta' Settembru 2024) |

## **I. INTRODUZZJONI**

Saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar dan il-fajl leġiżlattiv fl-ewwel qari.

Dan il-fajl kien mistenni<sup>1</sup> jgħaddi mill-Proċedura ta' Rettifika<sup>2</sup> fil-Parlament Ewropew wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari mill-Parlament Ewropew li temm il-mandat tiegħu.

---

<sup>1</sup> 10819/24 + COR 1.

<sup>2</sup> Regola 251, Regoli ta' Proċedura tal-PE.

## II. VOTI

Fis-seduta tiegħu tal-14 ta' Marzu 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, fejn aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr revizzjoni mill-ġuristi lingwisti), u rizzoluzzjoni leġiżlattiva. Hija tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru b'mod proviżorju bejn l-Istituzzjonijiet.

Wara finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti tat-test adottat, fis-17 ta' Settembru 2024, il-Parlament Ewropew approva rettifika għall-pożizzjoni adottata fl-ewwel qari.

B'din ir-rettifika, il-Kunsill għandu jkun jista' japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness<sup>3</sup> ta' dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

---

---

<sup>3</sup> It-test tar-rettifika jinsab fl-Anness. Huwa ppreżentat fil-forma ta' test konsolidat, fejn il-bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'tipa grassa u bil-korsiv. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

**P9\_TA(2024)0166**

**Rekwiżiti tar-rappurtar għal infrastrutturi għall-informazzjoni ġeografika**

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

PE757.105

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2024 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tar-rappurtar għal infrastrutturi għall-informazzjoni ġeografika (COM(2023)0584 – C9-0385/2023 – 2023/0356(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0584),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0385/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2023<sup>1</sup>,
  - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Regġuni,
  - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Frar 2024, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0037/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU C, C/2024/1586, 05.03.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1586/oj>.

temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-*ħsieb* li temendaha b'mod sostanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari tal-14 ta' Marzu 2024 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċizzjoni (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/2/KE fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti tar-rappurtar għal infrastrutturi għall-informazzjoni ġeografika**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>5</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>6</sup>,

---

<sup>5</sup> ĠU C, C/2024/1586, 5.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/1586/oj>.

<sup>6</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2024.

Billi:

- (1) Ir-rekwiżiti tar-rappurtar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tal-monitoraġġ kif suppost u l-infurzar korrett ta' atti legali tal-Unjoni. Madankollu, huwa importanti li tali rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li kienu maħsuba għalih u sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv.

- (2) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> tistabbilixxi regoli ġenerali maħsuba għall-istabbiliment tal-Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) għall-finijiet tal-politiki ambjentali tal-Unjoni u tal-politiki jew tal-attivitajiet li jista' jkollhom impatt fuq l-ambjent. Dik id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jaġġornaw, jekk ikun meħtieġ, u jippubblikaw rapport li jinkludi, fost affarijiet oħra, deskrizzjoni fil-qosor tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva sal-31 ta' Marzu ta' kull sena.
- (3) Filwaqt li tqiesu r-riżultati tar-rapport tal-Kummissjoni tad-9 ta' Ġunju 2017 dwar Azzjonijiet għas-Simplifikazzjoni tar-Rappurtar Ambjentali u l-Kontroll tal-Idoneità dwar ir-Rappurtar u l-Monitoraġġ tal-Politika Ambjentali tal-UE li jakkumpanjah, id-Direttiva 2007/2/KE ġiet emendata bir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> sabiex jitnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tar-rappurtar għall-governanza għall-implimentazzjoni tagħha u għall-użu mill-ġdid tad-*data* ġeografika pubblika. Fl-evalwazzjoni tagħha tad-Direttiva 2007/2/KE, li ġiet konklużi fl-2022, il-Kummissjoni sabet li l-qafas legali jista' jsir aktar effiċjenti permezz ta' aktar tnaqqis fil-piż amministrattiv.

---

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-leġislazzjoni relatata mal-ambjent u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005, u d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 115).

- (4) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv tar-rekwiżiti tar-rappurtar skont id-Direttiva 2007/2/KE, huwa meħtieġ li l-frekwenza u l-ħinijiet tar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni u l-użu tal-infrastrutturi tal-Istati Membri għall-informazzjoni ġeografika jiġu allinjati ma' atti legali orizzontali aktar reċenti dwar id-*data* diġitali. Għalhekk huwa xieraq li l-frekwenza tar-rappurtar skont id-Direttiva 2007/2/KE titnaqqas għal darba kull sentejn.
- (5) Minħabba li l-emenda li għandha ssir fid-Direttiva 2007/2/KE tikkonċerna l-ġhoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, ma hemm l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri li jittrasponuha. Huwa xieraq għalhekk li f'din is-sitwazzjoni partikolari tintuża deċiżjoni għal tali emenda.
- (6) Minħabba li l-oġġettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fid-Direttiva 2007/2/KE, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġġettiv.
- (7) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Direttiva 2007/2/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:



## Artikolu 1

### Emenda għad-Direttiva 2007/2/KE

Fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2007/2/KE, ***il-parti introduttorja*** hija sostitwita b'dan li ġej:

"Mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sentejn, mill-31 ta' Marzu 2025, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw, jekk meħtieġ, rapport sommarju. Dawk ir-rapporti, li għandhom jiġu ppubblikati mis-servizzi tal-Kummissjoni, għandhom jinkludu deskrizzjonijiet sommarji ta':".

## Artikolu 2

### Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**I**

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsil*

*Il-President*

*Il-President*

---